26 ta' Novembru, 1951

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D. *President*;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Antonio Mallia *versus* Catherine Moore (*)**

## Kollizjoni — Danni — Telf ta' Qliegħ — Art. 1088, 1090, u 1182 tal-Kodiċi Ċivili.

*Id-danni sofferti bħala konsegwenza ta' kolliżjoni huma riżarċibili mid-danneġġjant lid-danneġġjat; fosthom it-telf ta' qliegħ.*

*Il-likwidazzjoni ta' dawn id-danni ma hix regolata mid-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla d-danni sofferti minn min jiġi mtellef l-użu ta' flusu, imma minn dik id-dispożizzjoni li tirrigwarda d-danni derivanti minn telf ta' qliegħ.*

*F'materja ta' danni, wieħed għandu jħares mhux lejn il-kawża remota tad-danni, imma lejn il-kawża prossima.*

*Huwa veru li d-danneġġjat għandu d-dmir li jagħmel dak li huwa raġjonevoli biex inaqqas il-ħsara; iżda ma hux obligat jitgħabba b'piżijiet biex inaqqas il-ħsara.*

*Fil-każ preżenti, l-attur kien sofra ħsara minħabba kolliżjoni li kellu*

*bi htija tal-konvenuta, u fost id-danni talab it-telf ta' qliegh li sofra bilfors f'dik il-kollizjoni tilef iż-żiemel li kien jaħdem bih, u ma kellux mezzi biex jixtri żiemel iehor qabel ma rcieva mill-Kumpannija tas-Sikurtà l-valur taż-żiemel li tilef. U l-Qorti qatgħet illi huwa kellu dritt għat-telf ta' qliegh li sofra f'dak il-perijodu, u illi huwa ma kienx obligat, meta ma kellux mezzi, jissellef flus biex jixtri żiemel iehor, biex hekk inaqqas id-danni rizarcibili mid-danneggjant.*

---

(*) **B'digriet mogħti fl-10' ta Jannar 1955 ġiet miċħuda t-talba għall-appell minn din is-sentenza lill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina.**

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, premessi l-provvedimenti opportuni u d-dikjarazzjonijiet neċessarji, espona li minħabba traskuraġni, negliġenza u jew inosservanza tar-regolamenti, waqt li kienet issuq motor car numru 12793 fit-13 ta' Diċembru 1952 min-niżla tar-Rabat, il-konvenuta daħlet fil-karrettun u żiemel misjuq mill-attur fuq irriedna tiegħu u kkaġunatlu danni rilevanti, konsistenti f'ferita personali, ferita liż-żiemel, minħabba liema kellu jiġi maqtul, telf ta' xogħol, u ħsara fil-karrettun u l-biegħa li kellu; u talab li l-konvenuta, għar-raġunijiet esposti, tiġi (1) dikjarata responsabili tal-kolliżjoni in kwistjoni; (2) tiġi dikjarata responsabili tad-danni riżultanti minħabba traskuraġni, negliġenza u/jew inosservanza tar-regolamenti; (3) u ikkundannata tħallas lill-attur id-danni lilu kaġunati, li jiġu mill-Qorti likwidati, jekk ikun hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Jannar 1953 u ta' l-ittra uffiċjali tal-31 ta' Jannar 1953, mibgħuta lill-Atlas Insurance Company u aġent rispettiv;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju 1954, li biha laqgħet it-talba ta' l-attur u kkundannat lill-konvenuta tħallaslu d-danni li fadallu jieħu, is-somma ta' £115. 17. 7, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-partijiet jaqblu li l-konvenuta hija responsabili għad-

danni; iżda ma jaqblux fuq l-entità ta' dawn id-danni;

Illi l-perit legali kkonkluda li l-attur jisthoqqlu s-somma ta' £14. 17. 6 bħala riżarciment tad-danni li għadhom ma ġewx riżarciti, konsistenti fir-rifużjoni ta' l-ispejjeż erogati mad-Dipartiment tas-Sanità, ta' l-onorarju tal-veterinarju A. J. Cassar, u tat-telf ta' qliegħ matul għaxart ijiem li fihom l-attur ma setax jaħdem minħabba l-leżjonijiet minnu riportati, iżda rrespinġa l-pretensjoni ta' l-attur għat-telf ta' qliegħ minħabba l-korriment u l-mewt taż-żiemel; u għalhekk din hija l-unika kwistjoni li għandha tiġi riżoluta mill-Qorti;

Illi ma hemmx kwistjoni illi l-attur fl-24 ta' Marzu 1953 irċieva minn għand il-Kumpannija Assikuratriċi s-somma komplessiva ta' £72. 3. 6, li minnhom £8 għall-ħsara fil-karrettun u £56 għat-telfa taż-żiemel (fol. 17 tergo); u peress li qabel dan il-pagament l-attur ma setax jakkwista żiemel ieħor biex ikompli jaħdem bih, jippretendi li għandu dritt tal-qliegħ mit-13 ta' Diċembru 1952, meta ġara l-inċident in kwistjoni, sal-24 ta' Marzu 1953, meta sar il-ħlas fuq imsemmi;

Illi l-perit legali ssottometta li dina l-pretensjoni ma għandhiex tiġi milqugħa, għaliex si tratta ta' sempliċi dewmien fl-adempiment ta' l-obligazzjoni, li tirriżolvi ruħha fl-obligazzjoni ta' ħlas ta' flus, u għalhekk, se maj, id-danni, skond l-art. 1090 (Kod. Civ.), jikkonsistu fl-imgħax biss; iżda, peress li d-danni ma kienux likwidi, u "in liquidandis non fit mora", u ma rriżultatx ebda mora kolpuża fil-ħlas fuq imsemmi, l-attur mhux intitolat lanqas għall-imgħax;

Illi dina l-konklużjoni tal-perit mhix aċċettabili:—

1. Għaliex non si tratta, f'dan il-każ, ta' obligazzjoni li għandha bħala oġġett ħlas ta' flus; għaliex si tratta ta' danni mhux kontrattwali, imma naxxenti minn ħtija (kważi-delitt), u l-art. 1090 fuq ċitat jikkontempla evidentement flus dovuti in forza ta' stipulazzjoni vera u proprja, iżda qatt bħala konsegwenza ta' fatt illeċitu. Hu veru li l-obligu tar-riżarciment tad-danni jirriżolvi ruħu f'pagament ta' flus, iżda dana l-obligu mhux ġej minn kuntratt preċedenti, u jidderiva biss mill-fatt illeċitu (ara f'dan is-sens Giorgi, Obbligazioni, Vol. V, para. 233, u Kollez. XXVII—I—837);

2. Għaliex it-telf ta' qliegħ in kwistjoni jikkostitwixxi

perdita reali, "telf effettiv", fis-sens ta' l-art. 1088 (Kod. Civ.), skond l-interpretazzjoni mogħtija minn dina l-Qorti diversament presjeduta (Kollez. XXVII—II—229, u XXXII—II—387). Dak li hemm bżonn biex dana t-telf ikun riżarċibili huwa li bejn id-dannu u l-fatt kolpuż ikun hemm rapport ta' kawża u effett, u li t-telf ikun reali, u mhux bażat fuq possibilitajiet astratti. Għalhekk dana t-telf għandu jirriżulta mill-ħajja kwotidjana u ordinarja ta' min isofri l-ħsara, kif ukoll mill-kapaċità attwali tiegħu; b'mod li jekk jiġi pruvat li fil-kors ordinarju l-qliegħ li hu jippretendi kien jiġi realizzat kieku ma kienx il-fatt tad-dannegġjament, ir-riżarċiment huwa dovut. Issa, mill-provi rriżulta li x-xogħol ta' l-attur, fl-epoka ta' l-inċident, kien il-bejgħ ta' ħxejjex, frott u bajd, bil-karrettun biż-żiemel, u kien jaqla' minn £1 sa £1. 8. 0 kuljum netti. Huwa kien joħroġ ibiegħ fil-ħdud u fil-festi wkoll; u peress li din hija l-unika okkupazzjoni tiegħu, sakemm irċieva l-flus fuq imsemmija ma għamel ebda xogħol ieħor. Meta beda jerġa' jaħdem, reġa' beda jaqla' minn £1 sa £1. 10. 0 kuljum. Minn dan jidher illi, kieku l-attur ma sofriex it-telfa taż-żiemel, kien ikompli jagħmel, verosimilment, il-qliegħ tiegħu ordinarju. Għalhekk il-Qorti ma taqbilx malperit legali, u tirritjeni li l-attur hu ntitolat għall-anqas qliegħ li kien jista' jagħmel fil-perijodu fuq imsemmi, jiġifieri għal £1 kuljum;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuta, fol. 43, li biha talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, fis-sens li tiġi revokata fejn illikwidat id-danni dovuti lill-attur fis-somma ta' £115. 7. 6 u kkundannat lill-appellanti tħallas dik is-somma bl-ispejjeż, billi invece dawk id-danni u relativa kundanna jiġu ridotti għal £14. 17. 16, bl-ispejjeż ta' l-ewwel istanza in proporzjon, u konfermata fil-kapi l-oħra, bl-ispejjeż kollha tattieni istanza kontra l-attur;

*Omissis*;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Dwar is-somma ta' £14. 17. 6 mis-somma globali ta' £115. 17. 7 li ġiet akkordata mill-Ewwel Qorti ma hemmx kwistjoni. Dawn huma:— Kont tad-Dipartiment tas-Sanità £2. 17. 6; kont tal-veterinarju Cassar £2; telf ta' qliegħ

għal żmien għaxart ijiem wara t-13 ta' Diċembru 1952, li fihom l-attur ma setax jaħdem minħabba l-feriti li huwa rriporta, lira kuljum £10. Total £14. 17. 6;

Il-kwistjoni qiegħda fuq il-bilanċ ta' £101, ċjoè £1 kuljum telf ta' qliegħ mill-ġurnata ta' l-inċident (13 ta' Diċembru 1952) sal-ġurnata li fiha tħallas taż-żiemel (24 ta' Marzu 1953) u seta' jixtri ieħor biex jaħdem; mentri qabel ma kellux flus biex jixtrih, u għalhekk ma ħadimx u tilef il-qliegħ tiegħu tas-soltu, bla ma għamel xogħol ieħor;

Verament il-kwistjoni qiegħda fuq £91, għax, fi kwalunkwe każ, il-Qorti ta' l-Ewwel Grad, b'inavvertenza, inkludiet l-istess somma darbtejn, ċjoè inkludiet darbtejn il-perijodu ta' għaxart ijiem mit-13 ta' Diċembru 1952, inkludietu fl-14. 17. 6, u inkludietu darb'oħra fis-somma li tat ulterjorment; għalhekk f'din is-somma ta' l-aħħar hemm għaxar liri eċċess żgur;

Issa, il-punt hu jekk, għall-perijodu li beda l-għada tal-għeluq ta' dawk l-għaxart ijiem (f'dawk l-għaxart ijiem, appart' iż-żiemel, l-attur stess kien ferut u ma kienx jista' jaħdem), u baqa' sejjer sa l-24 ta' Marzu 1953 (meta l-attur tħallas tal-valur taż-żiemel), huwiex dovut lill-attur it-telf tal-qliegħ — telf li, fil-każ, ma jidhirx li hemm kwistjoni li għandu jiġi kalkulat bil-£1 kuljum;

Il-perit legali nominat mill-Ewwel Qorti, qal li l-attur ma kienx intitolat għal dan il-kap ta' dannu; għaliex, skond l-art. 1090 Kap. 23, id-dannu jikkonsisti f'imgħax biss, u ladarba s-somma kienet illikwida, u "in liquidandis non fit mora", allura lanqas kienu dovuti imgħax;

L-Ewwel Qorti eskludiet dan l-argument tal-perit, għax irriteniet li l-art. 1090 ma hux applikabili għal danni akwiljani, iżda għal danni kontrattwali;

Din il-Qorti hi tal-fehma li dak l-artikolu ma hux applikabili; mhux però għar-raġuni indikata mill-Ewwel Qorti, għaliex, anzi, dak l-artikolu qiegħed propriu taħt is-sotto-titolu tad-delitti u kważi-delitti, mentri għall-obligazzjonijiet hemm l-art. 1182 Kap. 23, imma għar-raġuni li f'dak l-artikolu qiegħda tiġi kontemplata xorta ta' danni "speċjali", li ċjoè wieħed itellef lil ħadd ieħor "l-użu tal-flus tiegħu"

(exempli gratia, meta amministratur, b'negliġenza, itellef flus lill-proprjetarju; jew meta ħalliel jisraq flus u jtellef l-okkażjoni ta' l-impjeg tagħhom; jew meta xi ħadd jagħmel sekwestru malizzjożament u jżomm flus sekwestrati li setgħu ġew impjegati kieku liberi; eċċ. eċċ.). Issa, f'dan il-każ, id-dannu ma għandux x'jaqsam ma' dan id-dannu speċjali, li hu l-oġġett ta' dan l-art. 1090, u għalhekk ma jistax jiġi regolat bih;

L-artikolu li jiggoverna din il-kwistjoni hu evidentement l-art. 1088 (1) ibidem:

Issa, għalkemm hu veru, f'materja ta' danni, li "proxima causa, non remota, spectatur", ma hemmx dubju li dan id-dannu in dibattitu ma hux remot. Infatti, hi nota r-regola hekk espressa fil-Halsbury (Vol. X, para. 131)............ "in determining whether damages are too remote, it is necessary to consider whether the original cause so far continued to operate that it was the proximate cause of the damage. The operation of the original cause ceases, and the chain of causation is broken, by the intervention of independent volition............" Issa, f'dan il-każ, biex wieħed jara li ma kienx hemm interruzzjoni taċ-"chain of causation", u li baqgħet topera l-kawża oriġinali, biżżejjed jagħmel dan ir-raġunament sempliċi: iż-żiemel miet minħabba l-għemil negliġenti tal-konvenuta, u l-attur ma setax jaħdem għax ma kellux żiemel; għalhekk dan id-dannu kien "the natural and direct result of the wrongful act";

L-appellanti, però, issottomettiet li l-attur seta' żmien qabel xtara żiemel ieħor. Jekk ma kellux mezzi, kompliet tgħid il-konvenuta, għal dan in-nuqqas hija mhix responsabbli;

Issa, dan il-punt li qajmet il-konvenuta ma jinteressat-tix ruħu mal-prossimità jew remotezza tad-dannu, imma jik-konnetti ruħu ma' aspett ieħor ġuridiku in materja ta' ri-żarċiment ta' danni, li hu hekk espress mill-istess Halsbury (para. 143) :— "It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues, and he cannot claim as damages any sum which is due to

his own neglect; but he is under no obligation to injure himself, his character, his business, or his property, to reduce the damages payable by the wrong-doer. The question what is reasonable for a plaintiff to do in mitigation of his damages is not a question of law, but one of fact in the circumstances of each particular case, the burden of proof being upon the defendant'';

Għalhekk għandu jiġi eżaminat jekk l-appellat setax jixtri, u kienx imissu jixtri, żiemel ieħor qabel l-24 ta' Marzu 1953, meta tħallas tal-valur ta' dak li kien miet, u b'hekk inaqqas id-danni. L-attur xehed, fol. 25, li hu ma kellux flus biex jixtri żiemel ieħor. Xejn ma ppruvat kontra daqshekk il-konvenuta, li intant kellha fuqha l-''onus probandi'' li l-attur kien imissu immitiga d-danni;

Lanqas jidher li jista' jingħad li l-attur seta' ssellef flus; għaliex id-danneġġjat ma hux tenut jieħu l-piż ta' self, apparti li lanqas ġie pruvat mill-konvenuta li l-attur kellu fuqhiex jissellef;

Anzi, jista' jingħad li kienet il-konvenuta li kien imissha issolleċitat il-ħlas tal-valur taż-żiemel biex tirrestrinġi danni. Jekk ma għamletx rangament qabel biex ma tippreġudikax ruħha fil-proċeduri kriminali (kif qalet — ara depożizzjoni tagħha fol. 5 tergo), dan ma hux fatt li jista' jiġi oppost mill-attur;

Lanqas jista' jingħad li l-attur kien qiegħed jagħmel xi pretensjoni eżaġerata għall-valur taż-żiemel, u b'hekk irrifjuta l-arranġament. Hu aċċetta li jaqta' mis-somma l-valur tal-karkassa fis-somma ta' £10. L-attur kien talab, bħala valur, £80 meno £10 tal-karkassa, ċjoè £70; fil-fatt il-veterinarju stama ż-żiemel £65, u l-karkassa ġiebet £9, u b'hekk il-valur likwidat ġie £56. Id-differenza ma kienetx eżaġerata, molto più li l-valur hu kwistjoni ta' opinjoni, li tista' tkun varjabili, purkè l-pretiża ma tkunx manifestament eżaġerata;

Għalhekk ma jidherx li jista' jingħad li l-attur naqas bi ħtija tiegħu li jnaqqas id-dannu; u d-dannu hu prossimu, u għalhekk riżarċibili. L-argument tal-konvenuta li, kieku l-attur kellu flus, kien jista' jirrimpjazza ż-żiemel fil-pront,

u kwindi d-dannu ma għandux jiġi akkordat, għax inkella jkun hemm regola differenti għal danneġġjat fqir u danneġġjat sinjur, ma hux aċċettabili; għaliex appuntu l-likwidazzjoni tad-danni, bħala ħaġa ta' fatt, issir "caso per caso", skond iċ-ċirkustanzi tal-fattispeċje partikulari. Kieku kien danneġġjat sinjur, li seta' jixtri żiemel fil-pront, allura kien ikun naqas li jimmitiga l-estensjoni tad-dannu bi ħtija tiegħu (għad-differenza ta' wieħed li ma jkollux mezzi), u konsegwentement kienet issir applikabili r-regola fuq enunċjata li d-danneġġjat ma għandux jedd għad-danni li seta' evita u ma evitax bi ħtija tiegħu;

Għalhekk l-attur għandu dritt, minbarra għas-somma ta' £14. 17. 6. anki għas-somma ta' £91, ċjoè għal perijodu ta' 91 ġurnata mit-23 ta' Diċembru 1952 (għaxart ijiem wara d-data ta' l-inċident) sal-24 ta' Marzu 1953, bir-rata ta' £1 kuljum;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell fis-sens biss li s-somma li tibqa' likwidata u li qiegħda tiġi kundannata tħallas il-konvenuta hija ta' £106. 17. 6, minflok ta' £115. 17. 7. u tirrespinġih għall-bqija. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu fuq il-konvenuta interament (għax l-attur talab somma illikwida, u ma kienetx tagħmel differenza għal dak il-kap ta' l-ispejjeż is-somma minuri issa likwidata minħabba l-iżball ta' £10); dawk ta' l-appell jibqgħu "pro rata" tar-rebħ u t-telf (għax "error judicis error partis").

---